MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 144/2008

**Marisa Xuereb I.D. 408078(M)**
**fil-kapacita' taghha ta' Chairperson tal-Kunsill Ezekuttiv ta' Mosta Technopark Tenants Association in rapprezentanza ta' Mosta Technopark Tenants Association kif debitament awtorizzata permezz ta' rezoluzzjoni, kopja ta' liema hija hawn annessa ma' dan l-avviz u mmarkata bhala Dokument A.**

**Vs**

**Mediterranean Broadcasting Equipment Limited – C 23047**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tliet elef, erba' mija u wiehed u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu (€3,491.73) - (Lm1,499.00) liema ammont huwa rapprezentanti service charge ghall-

perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2007 sat-30 ta' Settembru, 2007 u dan kif jidher mill-invoice datata 30 ta' Gunju, 2007, kopja ta' liema hija annessa u mmarkata bhala Dokument C, ghalkemm is-somma mitluba permezz ta' dan l-avviz giet ridotta ghall-finijiet ta' gurisdizzjoni. Bl-ispejjez u bl-imghax mitluba inkluza l-ittra ufficjali tas-6 t'Awwissu, 2007 numru 4606/07 u tal-mandat ta' Qbid kawtelatorju ipprezentat kontestwalment.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjetà konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attrici u l-fatt li s-socjetà konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas is-somma ta' tliet elef, erba' mija u wiehed u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu (€3,491.73) - (Lm1,499.00), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjetà konvenuta.

**Av. Peter Borg Costanzi**
Gudikatur

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------